## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR KARL ROBERTS) V. MOHAMED ALI ALI MOHAMED SHAKSHUK

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Ġunju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti (li qed jiġu riprodotti *verbatim* mill-att taċ-ċitazzjoni) maħruġa kontra l-imputat Mohamed Ali Ali Mohamed Shakshuk, mwieled nhar is-26/01/1987 ġewwa l-Eġittu ta' nazzjonalità Eġizzjana, iben Ali u Selma, detentur tan-numru tal-Pulizija 21B-008 u residenti ġewwa Safi Detention Centre, li tressaq taħt arrest quddiemha fis-26 ta' April 2021:

U nakkużah talli fid-19/02/2021 jew fil-granet ta' qabel , f'dawn il-gżejjer u fl-ibhra territorjali Maltin, ghen jew assista lil xi persuni biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor biksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta, u dan ghal-danni ta' Kap 217, art 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha mhux stabbilit reat taħt xi artikolu ieħor ta' dan l-Att Kap 217, art 32 (1g)

wara li semgħet ix-xhieda u fliet id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom:

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Karl Roberts,
- tal-imputat, mill-Avukat Dr. Martin Fenech,

wara li rat li bid-digriet tagħha tal-1 ta’ Diċembru 2022 din il-Qorti kif presjeduta filwaqt li ddikjarat illi hija m'għadx għandha l-assenjazzjoni ta' kawżi ta' din in-natura (stante illi b'effett mit-28 ta' Lulju 2021, b'ordni tal-STO Prim Imħallef din il-Qorti kif presjeduta waqfet milli tieħu kawżi ġodda jew tisma l-kawżi pendenti tad-Distrett taż-Żejtun u ta' Birżebbuġa), bagħtet l-atti lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali sabiex jiġu assenjati lill-Qorti kompetenti,

wara li rat illi bl-ordni tal-STO Prim Imħallef tas-7 ta’ Marzu 2022 ġie ppreċiżat illi l-ordni tiegħu tat-28 ta’ Lulju 2021 ma’ kienetx tapplika għal dawk il-kawżi tal-*immigration* li tħallew għas-sentenza,

wara li rat l-ordni sussegwenti ta’ din il-Qorti kif presjeduta sabiex il-kawża tgħaddi għas-sentenza,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tas-26 ta’ April 2021 u xlietu bl-imputazzjonijiet fuq imsemmija li jikkonċernaw ksur tal-Art. 32(1)(a) u (g) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta’ Malta).

**Provi**

2. Fis-7 ta’ Mejju 2021 xehdu l-Ispettur **Karl Roberts** u **Ahmed Abdul Fatah**.

3. L-Ispettur **Karl Roberts** xehed *inter alia* dwar kif nhar id- 19 ta' Frar 2021 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00) il-Pulizija rċeviet call minghand ik- control room fejn qalulhom li kien hemm xi mmigranti fit-triq ta' bejn Wied iz- Zurrieq u Ghar Lapsi. Il-puliizja rrikorriet fuq il-post u sabet lill-personnel tal- ghassa taz-Zurrieq flimkien ma' sitt (6) immigranti li kienu bil- qeghda fuq cint. Tlieta minnhom qalu Ii kienu Sirjani u t- tlieta l-ohra qalu Ii kienu Egizzjani. L-Ispettur qal lill-uffiċjali jaghmlu patrol fl-area in kwistjoni fejn imbaghad instabu zewg (2) immigranti ohra Ii qalulhom Ii kienu Sirjani u li ma kinux fuq l- istess dghajsa ma' l-istess sitta (6) l-ohra. Wiehed minn dawn it- tnejn kien l-imputat li l-Ispettur seta’ jagħraf fl-awla. L-ghada 20 ta' Frar 2021 saret spezzjoni tal-kosta mill-Ispettur u minn Surgent 697 fejn fin- naha ta' Ras Hamrija taht l-lmnajdra ntlemhet dghajsa tal-fibre ta' madwar tmintax- il ( 18) pied b'mutur outboard tal- marka Evinrude fejn fuqha ntlemah li

kien hemm jerrycan blu, xi kutri u fliexken tal-ilma. Id-dghajsa kienet inkaljata f'dik l-awkata. Minn stharrig li sar iktar tard gie stabbilit illi t-tmien immigranti kienu fuq l-istess dghajsa u li z-zewg immigranti li nstabu separatament (inkuz l-imputat) kienu Egizzjani u mhux Sirjani.

4. Minn iktar stharrig gie stabbilit ukoll illi z-zewg immigranti li kienu nstabu fl- ahhar kienu x- xufiera tad- dghajsa. Gie stabbilit ukoll illi l- imputat ghamel xi zmien bhala immigrant ipprojbit gewwa l- Grecja fejn kien tkeċċa minn hemmhekk u kien ghamel xi zmien ukoll bhala mmigrant gewwa l-Italja fejn kien tkecca minn hemmhekk ukoll. In kontroeżami spjega illi rriżulta lill-Pulizija li kienu fuq id-dghajsa u li kienu qeghdin isuqu wkoll kemm għaliex huma stess ammettew fl-istqarrijiet tagħhom (li ttieħdu minnhom wara li ngħataw għarfien sħiħ tad-drittijiet inkluż li jikkonsultaw avukat tal-fiduċja tagħhom, liema dritt huma rrifjutaw) u kemm għaliex is-sitt immigranti l-oħra stqarrew dan mal-Pulizija.

5. **<u>Ahmed Abdul Fatah</u>** xehed illi huwa kien fuq id-dgħajsa flimkien ma' seba' persuni oħra fosthom l-imputat u ċertu Ahmed li t-tnejn kienu qed isuqu d-dgħajsa. Huwa ra lill-imputat juża l-GPS  u s-*satellite phone* waqt it-traġitt. Huwa ġibed *video* bil-*mobile phone* tiegħu waqt il-vjaġġ liema *mobile phone* ġie esebit il-Qorti u ġie ukoll analizzat mill-espert maħtur mill-Qorti. Waslu Malta għal xi s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar iżda fuq deċiżjoni tal-imputat qattgħu ħafna ħin jistkennu taħt blata kbira sakemm telgħu fuq ix-xatt għal xi d-disgħa ta' filgħaxija. Huwa kkonferma ukoll l-istqarrija li ta' lill-pulizija fis-26 ta' April 2021. In kontroeżami kkonferma li l-pjan kien li jmorru l-Italja. Huwa ltaqa' mal-imputat l-ewwel darba fuq id-dgħajsa. F'nofs ta' baħar l-imputat infurma lil kulħadd illi jekk il-*fuel* iservi kienu ser imorru l-Italja imma jekk le, jieqfu Malta. Huwa ħallas 10,000 dinar Libjani lill-persuni li organizzaw il-vjaġġ, iżda ma' ħallas xejn lill-imputat. Qal ukoll li mal-wasla tagħhom Malta l-imputat rema l-GPS fil-baħar.

6. Fl-istess seduta tas-7 ta' Mejju 2021 il-Qorti ħatret lil Keith Cutajar bħala espert sabiex jagħmel *full extraction* tad-*data* u ta' kull informazzjoni rilevanti minn fuq iż-żewġ *mobile phones* elevati mill-imputat (Dok KR9). Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2021, dan l-inkarigu ġie estiż ukoll għall-*mobile phone* elevat mix-xhud Ahmed Abdul Fatah (Dok KR8)

7. Fl-14 ta' Mejju 2021 xehed **<u>Housam Ibrahim Mohamed</u>** li spjega illi huwa kien wieħed mill-passiġġieri fuq id-dgħajsa u li waslu Malta fid-19 ta' Frar 2021. Kienu ppjanati li jmorru l-Italja. L-imputat u persuna bl-isem ta' Ahmed kienu qed isuqu d-

dgħajsa, daqqa wieħed u daqqa l-ieħor. Ikkonferma xi ftit jew wisq dak li xehed Ahmed Abdul Fatah. Qal ukoll illi kien l-imputat li saq l-aħħar biċċa tat-traġitt lejn Malta. Ikkonferma ukoll l-istqarrija li ta lill-Pulizija fit-2 ta' Mejju 2021.

8. Fl-istess ġurnata xehed ukoll **Ahmed Hamaa Ibrahim** wieħed mill-passiġġieri fuq id-dgħajsa li ukoll sostanzjalment ikkonferma dak li kienu xehdu ż-żewġ xhieda Ahmed Abdul Fatah u Housam Ibrahim Mohamed. Huwa kkonferma ukoll l-istqarrija li ta lill-Pulizija fit-2 ta' Mejju 2021.

9. Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2021 l-espert maħtur mill-Qorti **Keith Cutajar** ippreżenta r-relazzjoni tiegħu dwar l-estrazzjoni tad-*data* minn fuq il-*mobile phones* elevati mill-imputat. Fis-17 ta' Awwissu 2021 l-istess espert ippreżenta r-relazzjoni tiegħu dwar l-estrazzjoni tad-*data* minn fuq il-*mobile phone* elevat mix-xhud Ahmed Abdul Fatah.

10. Fit-3 ta' Settembru 2021 xehed l-Ispettur **Karl Roberts** li ppreżenta ukoll serje ta' ritratti u *CD-Rom.* Huwa spjega lill-Qorti illi kien analizza r-rapporti tal-espert Keith Cutajar. Irriżultalu illi mill-*web history* tiegħu l-imputat kien fil-perjodu ta' bejn id-29 ta' Jannar 2021 u t-18 ta' Frar 2021 (il-ġurnata li telqu mill-Libja għal Malta) daħal diversi drabi fuq is-sit tal-*windfinder* sabiex jara t-temp partikolarment f'Malta u f'Misurata. Irriżultalu ukoll illi numru ta' *contact numbers* li kellu fil-*mobile phones* tiegħu kienu filfatt *coordinates* tal-ibħra Maltin. Fir-rigward tal-*mobile phone* tax-xhud Ahmed Abdul Fatah l-Ispettur esebixxa xi filmati (li l-istess xhud kien ikkonferma li ħadhom huwa stess minn fuq id-dgħajsa) li fost oħrajn juru lill-imputat u lil persuna oħra isuqu d-dgħajsa huma u deħlin Malta, preċiżament ħdejn Wied Fulija, iż-Żurrieq. Il-Qorti setgħet hija stess tikkonstata dak kollu li spjega l-istess Spettur meta ġiet biex tara l-kontenut tar-rapporti tal-espert Keith Cutajar.

11. Fil-21 ta' Ottubru 2021 xehed l-imputat **Mohamed Ali Ali Mohamed Shakshuk** li għalkemm qabel f'diversi affarijiet ma' dak li qalu x-xhieda ta' qablu li kienu fuq id-dgħajsa miegħu, insista illi huwa kien sempliċiment wieħed mill-passiġġiera u li ħallas lil ċertu Asem sabiex jitlaq mill-Libja bid-dgħajsa. Huwa xehed illi Asem qallu sabiex fuq id-dgħajsa jgħinu lil xulxin. Kien għalhekk illi hu u ċertu Ahmed bdew isuqu d-dgħajsa waqt li kienu fuq il-baħar. Il-pjan kien li jmorru l-Italja iżda imbagħad dawwru lejn Malta minħabba li spiċċalhom il-*fuel.*

12. Mill-provi miġjuba inkluż mid-*data* miġbura minn fuq il-*mobile phones* tal-imputat u tax-xhud Ahmed Abdul Fatah l-Qorti m'għandiex l-iċken dubju illi l-imputat

tabilħaqq għen jew assista lill-persuni l-oħra li kienu fuq id-dgħajsa sabiex jidħlu Malta bi ksur tal-liġi tal-immigrazzjoni, jekk mhux addirittura kien il-moħħ wara l-organizzazzjoni tat-traġitt kollu mill-Libja għal Malta.

13. Madanakollu ftit xhur wara li nbdew dawn il-proċeduri, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tat numru ta' deċiżjonijiet, fosthom is-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Hamid Afou** (27/09/2021, App. Nru. 279/2021 GG) u dik fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Mohamed Omar Adam** (28/10/2021, App. Nru. 274/2021 GG) fejn il-proċeduri ġew iddikjarati nulli u bla effett u l-appellanti ġew illiberati minn kull ħtija u piena stante illi ngħad *inter alia* illi l-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma għandu l-ebda awtorità biex iressaq persuni quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali għall-ksur ta' xi disposizzjoni tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ser tagħmel riferenza ampja għal dak li ngħad f''dawn iż-żewġ sentenzi:

> « .... l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni ma ghandu l-ebda setgha li jagixxi ta' prosekutur la taht l-Att tal-Imigrazzjoni Kapitolu 217 wisq anqas taht il-Kodici Kriminali Kapitolu 9;
>
> 7. Il-Kapitolu 217, l-Att Dwar l-Imigrazzjoni, jipprovdi ghal-hatra ta' Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni li skond l-artikolu 3 subinciz (2) tieghu "**L-Uffical Principali tal-Imigrazzjoni jkollu dawk is-setghat u dmirijiet kif jigu moghtija lilu jew imposti fuqu b'dan jew skont dan l-Att jew kif jigi preskritt biex jithaddem dan l-Att**". Kwantu l-hatra tal-Ufficcjal Principali, is-subartikolu (1) talartikolu 3 jipprovdi li dan ghandu jkun nominat mill-Prim Ministru b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;
>
> 8. Illi inoltre, l-artikolu 3 subartikolu (3) tal-dan il-Kapitolu jipprovdi illi: "**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jista' jawtorizza bil-miktub lil xi ufficjal pubbliku li jezercita, jew jaqdi f'ismu kwalunkwe setghat (minbarra s-setgha moghtija b'dan issubartikolu) jew dmirijiet skont dan l-Att jew regolamenti maghmula bis-sahha tieghu.**"
>
> 9. Issa, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas27 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Hubert Gerada) vs Hamid Afou – App Krim 279/2021 fejn irrizulta illi l-unika nomina maghmula mill-Prim Ministru skond l-artikolu 3(1) tal-Kap 217 saret permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Settembru fis-sena 1970. Inoltre l-Kumissarju tal-Pulizija prezenti, s-Sur Angelo Gafa' bhala Principal Immigration Officer fit-termini tal-3 (3) u (4) tal-Kapitolu 217 ddelega l-funzjoni tieghu lill "**all Police and civilian Immigration Officers stationed at or on temporary attachment at Immigration and International Relations Branch of the Malta Police to exercise and perform on my behalf, all powers and duties**

**vested in me by the aforementioned Act and by any regulations made thereunder**". Il-Qorti qed tiehu judicial notice ta' dawn il-fatti li huma pubblici u mgharufa permezz tas-sentenza appena citata. Ghal kompletezza tal-kwadru, l-Qorti qed tiehu konjizzjoni ukoll tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1341 mahruga fil-Gazzetta talGvern tat-12 t'Ottubru, 2021 u li ghaliha ghamel referenza l-Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu li tghid hekk: **"Il-Prim Ministru jgharraf illi n-nomina tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 700 tat-22 ta' Settembru, 1970, se tibqa' valida u li din in-nomina prezentament tirreferi ghall-Kummissarju tal-Pulizija odjern, is-Sur Angelo Gafa'.**

10. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mill-effetti tas-sentenza citata b'dan illi l-istess konkluzzjonijiet huma applikabbli hawn ukoll. Dan ghaliex il-proceduri in disamina huma istitwiti minn L-Uffficjal Principali ta' l-Imigrazzjoni (L-Ispettur Karl Roberts) kontra Mohamed Omar Adam. Wara li l-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ressaq lill-imputat b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-atti minn hemm 'l quddiem jindikaw bhala okkju l-Pulizija (Spettur Karl Roberts) vs Mohamed Omar Adam. Minkejja dan, izda, l-Pulizija qatt ma pprezentat proceduri kontra l-imputat appellant;

11. Ezami tal-Kapitolu 217 juri b'mod inkonfutabbli illi l-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni ma ghandux il-poter li jmexxi hu l-prosekuzzjoni anke jekk jahbat li ghandu l-kariga ta' Spettur tal-Pulizija u f'dan il-kaz l-istess poteri moghtija lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tieghu qua Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni. Dan il-poter irid ikun rizultat ta' azzjoni pożittiva emergenti mill-Att jew minn xi ligi ohra. Huwa inutili li l-Avukat Generali jargumenta illi l-proviso tal-artikolu 32 tal-Kap 217 jipprovdi li l-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni jista' jiddeciedi li ma jistitwixxi l-ebda proceduri ghaliex l-awtorita' talprosekuzzjoni ma tistax tkun inferita' izda trid tkun dikjarata filligi fi kliem car;

12. Illi ghalhekk kwantu l-Kapitolu 217 meta 'il-ksur tad-disposizzjoniijiet taghhom jammonta ghar-reat ma tista ssir ebda prosekuzzjoni kontra persuna jekk mhux mill-Pulizija la darba ma hemmx dan il-vires moghti mil-ligi. Huwa principju assodat illi lligi ubi voluit dixit u la darba dan il-vires mhux espressament provdut fil-ligi li hi ligi specjali, allura l-Ufficjal Principali talImigrazzjoni ma jistax jagixxi ta' prosekutur f'isem il-pajjiz anke jekk ghandu s-setgha tal-arrest tas-suspettat emergenti minn dan l-istess Kapitolu. Dik il-funzjoni irid bilfors ihalliha f'idejn l-awtorita' tal-Pulizija ta' Malta;

13. Illi l-artikolu 4 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi: **"4 (1) L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Ezekuttiva jew tal-Avukat Generali, kif ikun il-kaz, skond il-ligi."** Dan ifisser illi meta f'Kapitolu tal-ligijiet ta' Malta, azzjoni jew ommissjoni tkun klassifikata bhala reat,

sakemm ma jkunx provdut mod iehor, dak ir-reat ikun prosegwibbli biss mill-Pulizija Ezekuttiva jew mill-Avukat Generali skond il-kaz. Ezempju ta' dan hu dak li hemm provdut fl-artikolu 38(5) tal-Kap 424 li jipprovdi hekk: **"38(5) kull proċedimenti msemmija fis-subartikolu ta' qabel dan, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew kull uffiċjal delegat mill-imsemmi Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jista' jeżamina jew jikkontro-eżamina x-xhieda, jipproduċi provi, jagħmel sottomissjonijiet biex isostni l-akkuża u b'mod ġenerali jmexxi l-prosekuzzjoni f'isem il-Pulizija, u d-dikjarazzjoni bil-ġurament tal-uffiċjal li huwa ġie hekk delegat għal dak il-għan għandha tkun prova konklużiva ta'dak il-fatt."**

14. Illi ghalhekk il-mistoqsija, min hu responsabbli mit-tmexxija tal-prosekuzzjoni fil-kwistjoniijiet hawn kolpiti f'allegazzjonijiet kontra d-disposizzjonijiet tal-kapitolu 217 tal-ligijiet ta' Malta hija res ipsa loquitur u daqstant iehor ir-risposta, jigifieri il-Pulizija Ezekuttiva. U f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni li ma kellu l-ebda poter jaghmel dan;

15. Ifisser dan illi anke jekk l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazjoni huwa Spettur tal-Pulizija u li dan qed jagixxi f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tieghu izda tal- Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni ma taghmel l-ebda differenza ghal kwistjoni hawn skrutinata la darba l-prosekuzzjoni tmexxiet mill- Ufficcjal Principali tal-Imigrazzjoni u mhux mill-Pulizija...

16. Illi ghalhekk, l-proceduri mnedija kontra l-appellant huma irriti u nulli u konsegwentement, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-appellant, tiddisponi minn dan l-appell billi thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena. »

14. Għalkemm il-Qrati Inferjuri ta' Ġurisdizzjoni Kriminali m'humiex marbuta ma' sentenzi preċedenti li jkunu ngħataw kemm minn qrati oħra inferjuri u kemm mill-qrati superjuri (bħall-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell), madanakollu b'mod ġenerali l-istess Qrati dejjem raw illi kemm jista' jkun fejn *si tratta* ta' deċiżjonijiet fuq punti ta' liġi li dwarhom tkun diġa ddeċidiet il-Qorti tal-Appell, dawn ikunu jirriflettu l-istess posizzjoni u dan kemm fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u kif ukoll sabiex tiġi aċċertata ċertu uniformita' fis-sentenzi liema uniformita' ġġib magħha ukoll ċertezza legali.

15. F'din il-kawża huwa ċar li l-Prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ispettur Karl Roberts f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tiegħu tal-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u għalhekk l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq riprodott japplika tant' ieħor għal dawn il-proċeduri.

**Deċiżjoni**

16. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi tiddikjara li l-proċeduri mnedija kontra l-imputat huma rriti u nulli stante illi l-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma’ kellu l-ebda setgħa li jaġixxi ta’ prosekutur taħt il-Kap 217 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija.**

    **Il-Qorti tagħmilha ċara illi l-liberatorja f’din il-kawża hija dovuta għal teknikalita serja proċedurali u mhux għal xi nuqqas jew żvista min-naħa tal-Uffiċjal Prosekutur illi l-Qorti kellha l-opportunita tinnota kemm ħadem bla heda u b’mod diliġenti għall-aħħar sabiex l-imputat jitressaq quddiemha u jiffaċċja l-ġustizzja għall-aġir tiegħu.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |